MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1123/1997/1

Emanuel Meilaq
vs
Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u s-Segretarju Amministrattiv

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod preciz ghall-habta ta' Marzu ta' l-1994 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promotion, u dan sar stante li saret distinzjoni u eskluzjoni indebita bi pregudizzju ghar-rikorrenti;

Illi l-fatti fil-qosor tal-kaz kienu kif gej:

Illi fl-1 ta' Dicembru 1980, ir-rikorrent gie impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta bhala Gunner u gie assenjat dmirijiet ma' l-Airport Fire Section. Huwa dejjem qeda dmirijietu tajjeb u kif suppost u dejjem obda l-ordnijiet tas-

superjuri tieghu. Charges qatt ma kellu. Dan nonostante, wara 17-il sena servizz, huwa ghadu jokkupa l-istess grad, cioe` dak ta' Gunner.

Illi fit-2 ta' Jannar 1989, inghataw diversi promozzjonijiet, fosthom lil zewg persuni illi wkoll kienu dahlu jahdmu mar-rikorrent fl-Airport Fire Section fl-1 ta' Dicembru 1980 - u li ghalhekk kellhom seniority daqs ir-rikorrent - inghataw promotion wiehed ta' Surgent u l-iehor ta' Bombardier, minghajr ma sar l-ebda ezami u lanqas interview. Dawn il-promotions hargu b'effett lura ghall-11ta' Mejju 1988;

Illi b'ittra tat-12 ta' Jannar 1989, ir-rikorrent ressaq il-kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u b'ittra tal-15 ta' Ottubru 1992 gie mgharraf mill-istess Kummissjoni, illi l-ilment tieghu kien gustifikat, stante li l-Kummissjoni ma kenitx sodisfatta bil-mod li sar il-process ta' l-ghazla ghall-promozzjonijiet;

Illi l-Kummissjoni rrakomandat li fir-rigward ta' dawk li kienu fil-Fire Fighting Section ghandu jsir ezercizzju mill-gdid ta' promozzjoni effettiv mill-11 ta' Mejju 1988 biex jigi stabbilit min ghandu jimla' l-hatriet involuti;

Illi b'ittra tas-6 t'Ottubru 1993 mibghuta mill-Ufficcju tal-Prim Ministru, ir-rikorrent gie mgharraf illi ghandu jsir ezercizzju mill-gdid ta' promozzjonijiet fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar ta' l-Ajruport mill-11 ta' Mejju 1998, sabiex jigi stabbilit min ghandu jimla' l-hatriet involuti, u li dan kellu jkun ibbazat fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-Awtoritajiet Militari ibbazati fuq il-kapacita` attwali ta' l-individwi koncernati;

Illi r-rizultat ta' dan l-ezercizzju gdid ta' promozzjonijiet - li kien intiz biex jirrimedja l-ingustizzji li saru fl-ewwel wiehed - thabbar fil-25 ta' Marzu 1994, fejn il-promozzjonijiet ta' dawk li kienu haduhom fl-1989 gew ikkonfermati kollha, filwaqt li nghataw tmien (8) promotions ohra b'effett retroattiv ghall-11 ta' Mejju 1988. Dan l-ezercizzju rega' sar minghajr ebda ezami jew interview. B'konsegwenza ta' dan l-ezercizzju l-gdid, l-eskluzjoni tar-rikorrent mill-promotion giet konfermata, u dawk iz-zewg persuni li

kienu qabzu lir-rikorrent fil-promotion baqghu igawdu l-gradijiet rispettivi taghhom ta' Surgent u Bombardier sal-gurnata tal-lum.

Illi konsegwentement ir-rikorrent hass illi regghet saret ingustizzja ohra mieghu. Kif kellu jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, ir-rikorrent dejjem kellu rapporti tajba mas-superjuri tieghu. Huwa dejjem kien puntwali u wera interess u hegga fix-xoghol tieghu. Kemm kien ilu impjegat mal-Forzi Armati huwa ghamel b'success courses fil-first aid, third class education certificate u fil-fire fighting. Ghaldaqstant, huwa hass illi fl-1994 huwa kellu l-kwalifiki u l-kapacita` necessarji sabiex jinghata l-promotion.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghall-Bumbardier b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent konsistenti fid-differenza fis-salarju dovuta lilu skond il-grad u s-seniority relattiva u/jew jigi ordnat li jinghata lir-rikorrent kumpens fl-ammont ta' mhux aktar minn hamest elef lira Lira Maltin (LM5,000).

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi s-Segretarju Amministrattiv m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment gie jigi mwiegeb mil-Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-Kap tad-Dipartiment koncernat.

Illi r-rikors huwa inammissibli fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) billi l-ilment diga` gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Kaz 3696/9.1.a)

Illi l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx a bazi ta' anzjanita` biss, izda primarjament a bazi ta' efficjenza kif ukoll ta' kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-A.L. 91 tal-1970.

Illi fl-ezercizzju msemmi mir-rikorrent u li irrefera ghalih bhala li sar fil-25 ta' Marzu 1994, cioe`, l-promozzjonijiet fil-Fire Section (Airport Company) tal-1988, il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kienet irrakkomandat u l-Prim Ministru approva, biex isir ezercizzju gdid li jinkludi l-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ibbazati fuq present capabilities ta' kull membru u li dawn jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjonijiiet fir-rank li jmiss.

Illi fil-kaz ta' promozzjonijiet mir-rank ta' Gunner ghal dak ta' Bumbardier kien iddikjarat li kien hemm hames vakanzi. Ir-rikorrent kien fil-fatt elenkat is-16-il wiehed minn dawk li gew irrakkomandati u ghaldaqstant kien ferm lura fl-ordni ta' mertu sabiex ikun jista' jigi promoss fost l-ewwel hames vakanzi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u qal li gie impjegat fl-1980. Semma li f'Jannar 1989 inghataw diversi promozzjonijiet fosthom lil tliet persuni li jahdmu mieghu li kienu dahlu mieghu u kellhom seniority daqsu; 17864 Gunner J. Bellizzi, 17872 Gunner Nazzareno Rizzo u 17871 Gunner Charles Borg. Qal li f'Jannar 1989 ressaq il-kaz quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u gie mgharraf b' ittra tal-15 ta' Ottubru 1992 mill-Kummissjoni li l-ilment tieghu kien gustifikat. Qal li r-rizultat ta' l-ezercizzju gdid tal-promozzjonijiet fl-1994, ezercizzju biex jirrimedja l-ingustizzji li kienu saru, inghataw 7 promozzjonijiet ohra u hu lmenta li f'dan l-ezercizzju rega' thalla barra.

In kontro ezami qal li fl-1994 kellu Class 3 Education. Semma li Rizzo kien ghamel l-ezami ghal Class 3 imma m'ghaddiex. Qal li trades kellu A1 driver, u Rizzo, Bellizzi u Borg kellhom l-istess.

Xehed Pawlu Muscat li jahdem mal-MIA u qal li meta kien jahdem bhala Warrant Officer ir-rikorrent dam jahdem direttament tahtu ghal 12-il sena. Qal li r-rikorrent dejjem gab ruhu tajjeb u b' mod ezemplari, xoghlu dejjem kien tajjeb u professjonali. Fuq promozzjonijiet qal li s-sistema normalment kienet fuq bazi ta' kwalifiki u wara seniority, izda mbaghad gie zmien meta ma mxewx iktar hekk u kulhadd beda jinqabez u jaf li r-rikorrent inqabez fl-1992.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li esebixxa silta mir-rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tat-30 ta' Settembru 1992 u qal li l-Kummissjoni kienet irrakkomandat li kellu jkun hemm ezercizzju iehor li jkun effettiv minn Mejju 1988. Esebixxa wkoll ittra mibghuta mid-Direttur Generali s-Sur Curmi lir-rikorrent biex jinfurmah dwar id-decizjoni li kienet hadet il-Kummissjoni dwar l-ezercizzju l-gdid tal-promozzjonijiet. Esebixxa l-ittra minghand is-Sur Curmi lill-Armata biex jordnalu jaghmel dan l-ezercizzju. Esebixxa d-direttivi mill-

Kmandant tal-Forzi Armati datata 22 ta' Ottubru 1993 lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili fejn saret referenza partikolari ghall-Maggur Pantalleresco biex isiru rakkomandazzjonijiet ghall-postijiet ta' zewg Bumbardiera biex isiru Sargeants u hames Gunners biex isiru Bumbardiera. Esebixxa 'l-findings' tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili li kien qal flimkien mal-Maggur Pantalleresco li l-ezercizzju sar u fl-ahharnett esebixxa dokument li hi ittra mill-Forzi Armati lid-Direttur Generali Management and Personnel Office biex jinfurmah b'dak kollu li gara kif ukoll bil-'findings' li ordnat il-Kummissjoni. Esebixxa wkoll dokument li juri l-ordni li harget mill-Forzi Armati lir-Records Office biex dawk li gew promossi jidhlu fir-records kif suppost. Qal li isem ir-rikorrent ma jidhirx minhabba li ma kienx fl-ewwel hamsa mill-Gunners li saru Bumbardiera.

In kontro-ezami qal li gew promossi ghaxra, hamsa minnhom ghax kienu diga` qeghdin f'posthom fis-seniority u dawn saru wkoll u din kienet saret bl-approvazzjoni tal-OPM. Semma li fl-ebda promozzjoni tal-Armata ma ssir intervista u anqas ezami. Hu esebixxa skeda mis-seniority list tal-1988 fejn hemm immarkati hamsa min-nies li gew promossi fl-1994. Rigward id-dokument a fol 126 u 127 tal-process fir-rigward ta' nies li jkunu dahlu fl-istess gurnata meta l-enlistment kien permezz ta' ezami, qal li s-seniority tinghata skond il-marki li gab l-individwu. Qal li fl-1979 ma jidhirx li kien hemm ezami imma kienet sistema ta' first come first served, jigifieri min dahal l-ewwel fl-ufficju fil-gurnata msemmija. Hu kkjarifika dwar din il-kwistjoni tas-seniority li l-ewwel grupp tal-1979 kien maghmul minn nies diversi li gew assorbiti f'zewg ezercizzji u nzammet l-istess seniority li kellhom mas-servizz. Spjega wkoll li l-grupp tal-1980 irrizulta wara li harget sejha ghall-applikazzjonijiet u kienet limitata ghal nies li diga kienu jahdmu mal-Gvern. Qal is-seniority li ntuzat kien id-date of first appointment li kellhom fid-dipartiment ta' qabel. Qal li dan kien iddecidieh il-Kap Kmandant ta' dak iz-zmien.

Ikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet tal-Maggur Pantalleresco kien ghamilhom wara konsultazzjoni mad-

Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili fuq present capabilities. Il-Maggur Pantalleresco u s-Sur Fenech Direttur tas-Civil Aviation poggew lir-rikorrent fis-16-il pozizzjoni. It-Trade tar-rikorrent hija ta’ Airport Fireman Class I li l-hamsa l-ohra li saru kollha kellhom u inoltre tlieta milli saru kellhom ukoll it-Trade ta’ Driver Heavy Duty B3, classification baxxa. Inoltre bejn l-ahhar wiehed li sar, Richard Hili, u r-rikorrent, hemm diversi nies ohra li ghandhom l-A1 u B3 u naturalment seniors tar-rikorrent.

Xehed il-Maggur Pantalleresco li qal li kien Chief Fire Officer tal-Airport Fire Service u qal li kien is-superjur tar-rikorrent. Qal li fl-1988 kienu nghataw promozzjonijiet izda hu ma kien involut f’xejn. Qal li jaf li kien hemm decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, izda qal li fl-1989 gie involut biex isir re-assessment tas-sitwazzjoni. Qal li hu kien stabilixxa min kien rakkomandabbli jew le u f’ liema order of merit kienu u ghaddieh bil-miktub lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili li ghaddihom lill-Armata. Qal li kien jaf li mxewx strettament mar-rakkomandazzjonijiet tieghu. Qal li kien irrakomanda lir-rikorrent izda ma setax ighid f’liema pozizzjoni. Semma li wiehed li nqabez kien certu Frankie Spiteri. Iddeskriva lir-rikorrent bhala wiehed mill-ahjar pero` kien hemm nies ohra tajbin ukoll. Semma lil xi nies li qabzu lir-rikorrent fl-1988 u kienu aghar minnu bhal Bumbardier Nazzareno Rizzo u s-Surgent Charlie Borg. Semma wkoll li r-rikorrent kien ahjar minn Lawrence Bezzina.

**KONKLUZJONIJIET:**

**A)** L-ewwel **eccezzjoni hi tas-Segretarju Amministrattiv li mhux il-legittimu kontradittur** tal-ilment imressaq mir-rikorrent. Infatti din l-eccezzjoni hi bazata fuq l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 li jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’ idejn is-Segretarju Amministrattiv u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim

Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex is-Segretarju Amministrattiv huwa wiehed mill-intimati. Ghalhekk is-Segretarju Amministrattiv mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tas-Segretarju Amministrattiv u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

**B)** L-intimat Kap Kmandant tal-Forzi Armati eccepixxa li l-**ilment hu inammissibbli fit-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kap 394** billi dan gja gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Kaz 3696/9.1.a). Hawnhekk it-Tribunal jaghmilha cara li l-ilment li qed jigi investigat mhux l-istess wiehed li gie investigat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kienet sabet li l-process tal-ghazla tal-1988 ma kienx sar b' mod sodisfacenti u infatti skond l-ittra tad-Direttur Generali fl-Ufficcju tal-Prim Ministru l-Awtoritajiet Militari kellhom jaghmlu rakkomandazzjonijiet bazati fuq il-kapacita` attwali tal-individwi koncernati. Dan ma kellux jiftiehem bhala promozzjoni awtomatika izda kellhom jittiehdu l-passi biex tigi implimentata d-decizjoni tal-Kummissjoni u jigu ezaminati l-fatturi kollha. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu dwar l-erzercizzju l-gdid li sar u li gie mhabbar fl-25 ta' Marzu 1994, f' liema data hargu promozzjonijiet godda u li minnhom ir-rikorrent thalla barra ghalkemm dawn kienu b' effett retroattiv ghall-11 ta' Mejju 1988. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

**C)** Jibqa' ghalhekk li t-Tribunal jezamina l-**mertu tal-kaz**. Jinghad li t-Tribunal jista' jezamina mhux il-promozzjonijiet li nghataw fl-1989 izda biss is-set ta' promozzjonijiet ta' wara u dan minhabba l-fatt li dawk tal-1989 gja gew ezaminati mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Dan ifisser li t-Tribunal jezamina biss il-promozzjonijiet li nghataw fil-25 ta' Marzu 1994 b' effett mill-11 ta' Mejju 1988. Il-Maggur

Pantalleresco kien ipprepara skeda u li l-Armata mxiet maghha fl-ghoti tal-promozzjonijiet hlief ghal certu Frankie Spiteri.

Ir-rikorrent kien kunsidrat bhala bniedem efficjanti u kapaci u infatti aktar kapaci minn xi whud minn nies li saru fl-1989 b' effett mill-1988 izda kif inghad fuq it-Tribunal hu prekluz milli jinvestiga dwar dawk il-promozzjonijiet. Meta wiehed ihares lejn l-iskeda li tinsab a fol 126 u 127 tal-process jirrizulta li r-rikorrent gie fit-18-il pozizzjoni u dawk li saru u cioe` Debattista, Attard, Cauchi, Caruana u Hili kienu rispettivament fl-1, 2, 3, 4 u s-6 pozizzjoni. Ir-rikorrent kellu bhala kwalifiki A1 liema kwalifika dawk li saru kollha kellhom l-A1 u inoltre tlieta minnhom kellhom ukoll il-B3. Dan iwassal ghall-fatt li r-rikorrent kien junior ta' dawk li saru fl-1994 u ma kellux kwalifiki superjuri. Issa r-rikorrent imkien ma gab provi li juri li hu kien kapaci ferm aktar mill-ohrajn li effettivament hadu l-promozzjoni u ghalhekk dan it-Tribunal isib l-eccezzjoni tal-intimat gustifikata u jilqaghha.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------